MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Numru. 907/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**John Buttigieg**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmi John Buttigieg, bin Joseph u Concetta neé Borg, imwieled fit-3 ta’ Settembru 1993 u residenti fil-fond numru 13, Triq Ganni Vella, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 29793(G) li gie akkuzat talli nhar l-Erbgha, 20 ta’ April 2011 ghall-habta ta’ 14:20hrs u f’hinijiet ta’ qabel gewwa l-Qala, Ghawdex;

1. Zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu l-arma tan-nar Beretta S/N E05678/05, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma kellu licenzja taht l-Att dwar l-armi Kapitlu 480 u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480;

2. Ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghall-kacca fuq il-gamiema u s-summiena matul l-istagun tal-kacca tar-Rebbiegha minghajr licenzja ghall-kacca fir-Rebbiegha mahruga skond ir-regolament tal-A.L. 221 tal-2010 kif emendat bl-A.L. 83 tal-2011 (L.S. 504.94);

3. minghajr pregudizzjoni ghad-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu xi ghasfur, b'kull mezz, meta ma kienx fil-pussess ta' licenzja valida mahruga mid-Direttur u ma ssodisfax l-kundizzjonijiet kollha specifikati f'dik il-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur tar-regolament 12(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

4. waqt stagun maghluq kien jinsab fil-miftuh fil-kampanja sew jekk fuq art tieghu sew jekk fuq art ta' xi persuna ohra jew ukoll barra minn dik l-art, igorr arma tan-nar Beretta S.N. E05678/05 u munizzjon ghat-tehid tal-kacca u dan bi ksur tar-regolament 15 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena taht regolament 27 tal-A.L. tal-2006 jekk kif emendat tordna konfiska tal-Corpus Delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra li taghti l-piena taht ir-regolament 49 (2) tal-A.L. 311 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-Corpus Delicti u bis-sahha tar-regolament 49(7) tordna l-iskwalifika miz-zamma jew l-

akkwist ta’ xi licenzja, permess jew awtorita’ mahruga taht l-istess regolament ghal zmien mhux inqas minn sena.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi

**Ikkunsidrat**

Illi, mill-provi kif prodotti, ma jirrizultawx l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minnhom.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li l-imputat ma kienx kredibbli fil-verzjoni moghtija minnu meta huwa xehed f’dawn il-proceduri. Il-Qorti hija sodisfatta li, mill-provi prodotti, it-tielet (3) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta’ provi, tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2) u mir-raba’ (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Regolament 12(1) tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah multa ta’ tliet mitt ewro (€ 300.00).

Il-Qorti tordna wkoll l-konfiska tal-*corpus delicti*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------